Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 3 ta' Marzu 2023**
**(OR. en)**

**5480/23**

**CDR 15**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru u tliet membri supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Polonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni<br>- Adozzjoni |

1. Permezz ta' ittri fl-4 ta' Awwissu 2021[1], it-12 ta' Lulju[2] u s-7 ta' Diċembru 2022[3], is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bir-riżenji tas-Sur Ludwik Kajetan WĘGRZYN, membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, u tas-Sa Elżbieta Anna POLAK u s-Sur Marek Andrzej TRAMŚ, membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni.

2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill jaħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni, billi jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.

[1] 11932/21.
[2] 11623/22.
[3] 14663/22.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Ludwik Kajetan WĘGRZYN, il-Gvern Pollakk ipproponа[4] lis-Sur Joachim Michał SMYŁA, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Radny Powiatu Lublinieckiego* (Membru tal-Kunsill Distrettwali ta' Lubliniec), bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni sat-30 ta' April 2024, id-data meta l-mandat nazzjonali tiegħu ser jintemm skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli. Wara l-ħatra tas-Sur SMYŁA, ser isir vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

4. Barra minn hekk, il-Gvern Pollakk ipproponа lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali bħala membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni sat-30 ta' April 2024, id-data meta l-mandati nazzjonali rispettivi tagħhom ser jintemmu skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli: is-Sur Marcin Artur JABŁOŃSKI, *Członek Zarządu Województwa Lubuskiego* (Membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Voivodship ta' Lubuskie), is-Sur Andrzej Antoni PŁONKA, *Radny Powiatu Bielskiego (woj. śląskie)* (Membru tal-Kunsill Distrettwali ta' Bielsko (Voivodship ta' Śląskie)), u s-Sinjura Lucyna Teresa SOKOŁOWSKA, *Radna Powiatu Rzeszowskiego* (Membru tal-Kunsill Distrettwali ta' Rzeszów).

5. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden biex jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument 5479/23 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

---

[4] 5475/23.